MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2008

Appell Kriminali Numru. 76/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Stacey Chircop**
**Omar Faiz**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Stacey Chircop u Omar Faiz talli:

(1) Fis-6 ta' Awissu 2004 ghall-habta ta' 21.30 ta' filghaxija, gewwa Triq Testaferrata, Ta' Xbiex u fl-inhawi, dolozament bil-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu f'periklu car il-hajja ta' Joseph Farrugia, detentur tal-karta ta' identita` bin-numru 538452M, tawh daqqa ta' strument li jaqta' u bil-ponta, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi taw diversi daqqiet ta' arma li

taqta' u bil-ponta lill-istess Joe Farrugia, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta` taghhom;

(2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkagunaw ferita ta' natura gravi billi ghamlu sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-imsemmi Joe Farrugia;

(3) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellhom fil-pussess taghhom kif ukoll garrew arma li taqta' u bil-ponta barra minn fond jew post li jaghmel mieghu minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

(4) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kienu qed iwettqu delitt kellhom fil-pussess taghhom arma regolari;

(5) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurjaw jew heddew, jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuh jew li jinfluwixxu fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

(6) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjooenza jew b'hebb fuq Insp. Ian Abdilla, Ins. Ray Aquilina, P.S. 1373 J. Micallef u P.C. 1188 P. Cassar, li hija vjolenza pubblika, li huma persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita` pubblika;

(7) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamlu hsara fl-uniformijiet tal-pulizija P.S. 1373 J. Micallef u P.C. 1188 P. Cassar, liema hsara hija aktar minn Lm10 izda anqas minn Lm50 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

(8) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

(9) Saru recidivi b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Frar 2006, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 95, 96, 214, 218, 325(1)(c), 338(dd) u 533 tal-Kodici Kriminali, l-artikolu 13(1) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta (illum artikolu 6 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta), u l-artikolu 26 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta (illum artikolu 55 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imsemmijin Stacey Chircop u Omar Faiz hatja ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-sitt akkuzi u minnhom illiberathom izda sabithom hatja tal-hames, is-seba', it-tmien u d-disa' akkuzi u kkundannathom ghall-hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250) kull wiehed pagabbli fi zmien hames xhur f'pagamenti ta' Lm50 fix-xahar ai termini ta' l-artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u inoltre lliberathom bil-kondizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn ai termini ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fis-27 ta' Frar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellati hatja ta' l-akkuzi numri hamsa, sebgha, tmienja u disgha u thassarha u tirrevokaha fejn illiberathom mill-akkuzi numri wiehed, tnejn, tlieta, erbgha u sitta u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellati ghal multa ta' mitejn u hamsin lira kull wiehed u lliberathom kondizzjonalment ghal perijodu ta' sentejn, u minflok issibhom hatja ta' l-akkuzi msemmija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-Avukat Generali huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ma setghetx taghti l-piena ta' multa biss fil-kaz odjern; (2) l-ewwel Qorti ma setghetx tapplika l-artikolu 22 tal-Kap. 446 minhabba li d-delitti li taghhom l-appellati nstabu hatja jeccedu s-seba' snin prigunerija; (3) il-piena erogata ma kinitx, fic-cirkostanzi, idoneja; (4) l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tikkonkludi kif ikkonkludiet dwar l-akkuzi numri wiehed, tnejn, tlieta, erbgha u sitta.

Ghalkemm l-appellant jelenka l-aggravji tieghu dwar il-piena l-ewwel, huwa opportun illi l-ewwel jigi kkunsidrat ir-raba' aggravju li jehtieg apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** imbaghad naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Issa, rigward l-ewwel erba' akkuzi l-appellant jghid illi l-ufficjali tal-Pulizija kollha qalu l-istess haga bil-gurament taghhom, u cioe` li malli waslu fuq il-post Joseph Farrugia, maghruf bhala "il-Kampjun" kellu xi demm ma' wiccu b'rizultat ta' l-offizi li kellu. Qalu wkoll li Joseph Farrugia kien involut fi glieda ma' l-appellati. Ix-xhud Teresa Cutajar imbaghad, "minkejja xiehda pjuttost ingarbuljata", xorta qalet bic-car, skond l-appellant, dak li rat u f'idejn min kienet wahda mill-armi bil-ponta li ntuzaw f'dan l-incident. L-appellant irrefera wkoll ghax-xiehda tat-tabib Dr. Fernando Pisani li dewwa lil Joseph Farrugia u qal li l-offizi kienu kompatibbli ma' daqqiet ta' arma bil-ponta.

Irid jigi osservat l-ewwelnett illi l-Avukat Generali fir-rikors ta' appell tieghu jirreferi ghall-ewwel erba' akkuzi – bhalma del resto kienet qed taghmel l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha – u dan nonostante illi permezz tan-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu ta' l-4 ta' Dicembru 2006 l-Avukat Generali kien eskluda l-ewwel akkuza, dik li kienet tikkontempla r-reat ta' tentattiv ta' omicidju. Ghalhekk dan l-ilment ghandu jitqies bhala jirreferi ghall-akkuzi (a), (b) u (c) skond l-imsemmija nota ta' rinviju. Issa, din il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti. Jirrizulta illi l-allegat vittma Joseph Farrugia ma xehedx fil-proceduri quddiem il-Qorti Istruttorja u dan peress illi kien

hemm proceduri ghaddejjin kontra tieghu wkoll in konnessjoni ma' dan l-istess incident. Pero` b'verbal li gie registrat fl-14 ta' Ottubru 2004 l-imsemmi Joseph Farrugia ddikjara "illi huwa hafer lill-imputati u l-partijiet bejniethom illum m'ghandhomx xi jghidu u qed jitkellmu ma' xulxin". Ghalhekk irid jigi ezaminat jekk hemmx xi ammissjoni da parti ta' l-appellati stess jew jekk hemmx provi ohra, inkluzi indizjarji, li jwaslu ghall-kolpevolezza ta' l-appellati jew xi hadd minnhom dwar l-imsemmijin akkuzi kif qieghed jippretendi l-appellant.

L-istqarrija ta' Stacey Chircop tikkontjeni ammissjoni li huwa laqat lil Joseph Farrugia "x'imkien f'rasu" bil-pajp li jintuza fil-pompa biex jintefhu t-*tyres* meta dan Joseph Farrugia kien qieghed jigri warajh b'mus u kien diga` laqtu darbtejn bih. Hemm ritratti li jikkonfermaw il-feriti. Jigifieri l-kuntest li fih Chircop jghid li laqat lil Farrugia huwa wiehed ta' difiza legittima. Fl-istqarrija tieghu jinnega li ta lil Farrugia b'armi.

Anke l-appellat Omar Faiz jinnega fl-istqarrija tieghu li kellu xi armi u anzi jghid li kien Joseph Farrugia li kellu mus u sahansitra tah daqqa f'wiccu u ohra f'idu bih. Dan huwa kkonfermat, fost ohrajn, mir-ritratti.

Huwa veru illi Joseph Farrugia kellu xi feriti. Dan jirrizulta kemm mix-xiehda li taw diversi membri tal-korp tal-Pulizija, mir-ritratti, u anke mix-xiehda tat-tabib Dr. Fernando Pisani li qal li l-feriti li rriskontra dehru maghmulin minn strument li jaqta' u bil-ponta. Jirrizulta wkoll illi kien hemm glieda bejn Joseph Farrugia minn naha u l-appellati min-naha l-ohra u li l-Pulizija ghamlu l-almu taghhom biex iferrquhom u jzommuhom imbeghdin minn xulxin. Izda jirrizulta wkoll illi meta waslu fuq il-post, Joseph Farrugia diga` kellu l-feriti fuq wiccu u rasu u ghalhekk hadd minnhom ma ra min kien ikkagunalu dawk il-feriti. Mill-banda l-ohra l-istess Pulizija xehdu kif Joseph Farrugia attakka lill-appellat Faiz b'xabla dekorattiva.

Kwantu ghax-xiehda ta' Theresa Cutajar, l-appellant stess jirreferi ghax-xiehda taghha bhala wahda "ingarbuljata", u huwa evidenti illi l-ewwel Qorti qisitha bhala tali. L-ewwel

Qorti kellha l-opportunita` li tara u li tisma’ x-xhieda. Kellha l-opportunita` tqis “l-imgieba, il-kondotta u l-karattru” tax-xhieda kif ukoll tqis “jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti” u “jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra”, apparti c-cirkostanzi kollha tal-kaz (artikolu 637 tal-Kap. 9).

Fid-dawl ta’ dan kollu, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha dwar l-akkuzi (a), (b) u (c) u ghaldaqstant ma tarax raguni sabiex tiddisturba l-apprezzament li hija ghamlet.

B’referenza ghas-sitt akkuza (l-akkuza (e) fin-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju ta’ l-4 ta’ Dicembru 2006) l-appellant jghid illi mix-xiehda tal-Pulizija johrog car li l-appellati, u partikolarment l-appellat Faiz, irrezistew ghall-arrest bil-vjolenza, ma obdewx l-ordnijiet moghtija lilhom mill-Pulizija u fl-istess hin hebbew ghall-Pulizija. Skond l-appellant, il-gurisprudenza taghna stabbiliet li jekk diversi persuni jiehdu sehem fi storbju u fi glied fejn xi hadd isofri offizi b’mod li dawk il-persuni jkunu kkontribwew biex ikomplu jsahhu r-rizoluzzjoni kriminuza ta’ dawk fosthom li kkagunaw dawk l-offizi, huma hatjin ukoll ta’ dawk l-offizi (Il-Pulizija v. Giovanni Catania et, 9 ta’ Marzu 1951).

Permezz tas-sitt akkuza (akkuza (e) fin-nota ta’ rinviju ta’ l-4 ta’ Dicembru 2006) gie addebitat lill-appellati r-reat kontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali, cioe` r-reat ta’ kull min **“jattakka jew jaghmel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti”**. L-appellati gew illiberati minn din l-akkuza izda misjubin hatja tal-hames akkuza, u cioe` r-reat kontemplat fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali. Dawn iz-zewg reati huma ben distinti minn xulxin. L-artikolu 96 jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun **“persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku”** (l-istess bhalma jirrikjedi l-0artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar fil-waqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz

pubbliku **"tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti"**. Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-artikolu 95(1) – **"waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz"**. Bhalma ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **The Police v. A. B. Michael Locking** moghtija fit-3 ta' Ottubru 1966:

***"The difference to the two crimes envisaged under Sections 94 and 95*** **[illum 95 u 96]** ***of the Criminal Code, does not lie in the nature of the act, nor in the seriousness of the consequences, much less in the personal qualities of the injured person, but only the character of the duties the injured person is performing at the time of the offence. Indeed, Section 94 states 'while in the act of discharging his duty or because of his having discharged such duty, or with intent to intimidate or unduly influence him in the discharge of such duty', whilst section 95 requires that the offence is committed when in the execution of the law or of a lawful order issued by a competent authority."***

Fil-kaz in ezami, l-incidenti mal-Pulizija ma grawx waqt li l-Pulizija kienu qeghdin "jesegwixxu l-ligi" jew jesegwixxu "ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Huwa minnu li l-Ispettur Ian Joseph Abdilla xehed li kienu qeghdin ifittxu lill-appellat Stacey Chircop dwar investigazzjoni pendenti u kellhom anke mandat mahrug mill-Magistrat Consuelo Scerri Herrera. Izda l-arrest ta' Chircop sar fil-kuntest tal-glieda li kien involut fiha f'Testaferrata Street. Difatti fl-ebda waqt ma qal l-Ispettur Abdilla jew xi hadd iehor mill-ufficjali tal-Pulizija li kienu mieghu li nfurmaw lil Chircop li kellhom mandat ghall-arrest tieghu in konnessjoni ma' l-imsemmija investigazzjoni.

Ghalhekk l-ewwel Qorti korrettement illiberat lill-appellati mis-sitt akkuza filwaqt li, korrettement, sabithom hatja tal-

hames akkuza. B'hekk ir-raba' aggravju ta' l-appellant qieghed jigi respint.

Din il-Qorti sejra tghaddi issa biex tikkunsidra l-ewwel tliet aggravji li jirrigwardaw l-piena.

Permezz ta' l-ewwel aggravju tieghu l-appellant jghid illi l-artikoli 96 u 218 tal-Kodici Kriminali ma jikkontemplawx il-piena ta' multa izda biss il-piena ta' prigunerija. Peress illi l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellati hatja tar-reati kontemplati f'dawn l-artikoli u din il-Qorti ma laqghetx ir-raba' aggravju ta' l-appellant, dan l-ilment huwa respint.

L-appellant pero` jkompli jghid illi l-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprospetta li l-piena li ghandha tkun applikata mas-sejbien ta' htija ghandha tkun il-piena stabbilita ghall-ingurja, ghat-theddid jew ghall-offiza, mizjuda bi grad. Jigifieri, skond l-appellant, hawn il-ligi qed timponi biss il-piena ta' prigunerija, u dan skond l-artikolu 31 tal-Kodici Kriminali. Jirreferi wkoll ghas-subinciz (c) ta' l-artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali li fit-tielet *proviso* tghid li l-piena ta' prigunerija ghandha tizdied bi grad jew tnejn u l-hati ghandu jkun ikkundannat ihallas multa ekwivalenti ghall-hsara li tkun saret u mhux li tista' b'xi mod tkun applikata l-piena tal-multa biss. Jigifieri, isostni l-appellant, l-unika multa applikabbli ghall-kaz odjern qatt ma setghet tkun ta' aktar minn Lm50 u kellha tkun ekwivalenti ghall-hsarat li garrbu l-uniformijiet tal-Pulizija. Inoltre ma kienx hemm ragunijiet specjali u straordinarji li minhabba fihom l-ewwel Qorti setghet tinzel taht il-*minimum* skond l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali.

Issa, l-ewwel Qorti mhux biss imponiet multa ta' Lm250 fuq l-appellati izda tathom ukoll *conditional discharge* ghal perijodu ta' sentejn skond l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant isostni, permezz tat-tieni aggravju tieghu, illi l-ewwel Qorti ma setghetx tapplika l-imsemmi artikolu peress li l-piena ghad-delitti li taghhom huma nstabu hatja teccedi s-seba' snin prigunerija u jirreferi ghall-artikolu 218. Kif diga' nghad l-appellati <u>ma nstabux</u> hatja tar-reat kontemplat fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Il-piena ghar-reati li taghhom instabu hatja hija

ferm inqas minn seba’ snin, biss biss il-piena massima ghar-reat kontemplat fl-artikolu 325(1)(c) bl-applikazzjoni tat-tielet *proviso* hi ta’ sena prigunerija. Jigifieri l-ewwel Qorti, fid-dawl tal-piena applikabbli ghar-reati li taghhom sabet lill-appellati hatja, setghet tapplika l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Pero` permezz tat-tielet aggravju tieghu l-appellant isostni illi mic-cirkostanzi tal-kaz u meta wiehed iqis il-fedina penali “ripunjanti” ta’ l-appellati, l-ewwel Qorti qatt ma jmissha applikat l-imsemmi artikolu 22. Inoltre jghid illi l-ewwel Qorti applikat dak l-artikolu hazin peress illi ma osservatx id-disposizzjonijiet tal-*proviso* tas-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 applikabbli *mutatis mutandis* skond l-istess artikolu 22 tal-Kap. 446 u cioe` li naqset li tiddikjara b’mod car x’inhuma c-cirkostanzi li jimmilitaw favur l-appellati sabiex b’hekk huma gew illiberati b’mod kondizzjonali. Anke f’dar-rigward l-appellant m’ghandux ragun peress illi l-Qorti hi marbuta li tiddikjara x’inhuma c-cirkostanzi li wassluha biex taghti *conditional discharge* **“fil-kaz ta’ reat li, minbarra xi zjieda fil-piena minhabba fit-tkomplija tar-reat jew xi dikjarazzjoni ta’ htija precedenti, ikun punibbli bi priguenrija ghal zmien li jeccedi seba’ snin izda mhux ghaxar snin”**. Kif rajna, il-piena hawn applikabbli ma teccedix s-seba’ snin u ghalhekk l-ewwel Qorti ma kenitx tenuta li tispjega c-cirkostanzi li wassluha biex taghti *conditional discharge*.

In materja ta’ piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[2]. Dan il-principju japplika ugwalment kemm f’appelli li jsiru mill-persuna misjuba hatja, kif ukoll f’appelli intavolati mill-Avukat Generali.

---

[2] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

L-ewwel Qorti kkundannat lill-appellati kemm ghal multa ta' Lm250 kif ukoll applikat il-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 ghal perijodu ta' sentejn. Ghalkemm dik il-Qorti ma qalitx dwar liema reati kienet qed timponi l-multa u dwar liema reati kienet qed tapplika l-imsemmi artiolu 22, huwa evidenti illi l-multa tinkorpora fiha l-piena ghat-tmien akkuza (akkuza (g) fin-nota ta' rinviju ta' l-4 ta' Dicembru 2006) mizjuda bi grad stante r-recidiva kif ukoll il-multa kontemplata fit-tielet *proviso* ta' l-artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali, filwaqt illi l-artikolu 22 jirreferi ghall-hames akkuza (akkuza (d) fin-nota ta' rinviju msemmija) u s-seba' akkuza (akkuza (f) fl-istess nota ta' rinviju), oltre naturalment id-disa' akkuza dwar ir-recidiva (akkuza (h) fl-istess nota ta' rinviju). Jigifieri kemm il-multa kif ukoll, kif diga` rajna, l-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 huma fil-parametri tal-ligi u huma skond il-ligi. U din il-Qorti, wara li ezaminat il-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti u ezaminat il-provi limitatament ghar-reati li dwarhom instabu hatja – cirkostanzi li juru li l-appellati ma kinux qeghdin jattakkaw jew jaggredixxu lill-Pulizija izda li kienu qeghdin jippruvaw jattakkaw lil Joseph Farrugia li sahansitra rnexxielu jinfliggi feriti fuq l-appellat Faiz waqt li kien qieghed jinzamm mill-Pulizija – hi tal-fehma li m'hemm l-ebda raguni impellenti biex hi tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti.

Konsegwentement l-aggravji l-ohra ta' l-Avukat Generali qeghdin jigu respinti wkoll.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------